MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 1486/2001/1

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmel Camilleri u l-istess Carmel Camilleri**

**Vs**

**Saviour Galea**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm166.00c (mija u sitta u sittin lira Maltin) rappresentanti danni wara incident ta' traffiku kif imsemmi fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li l-incident gara unikament tort ta' Noel Camilleri li kien qed isuq il-vettura assikurata mid-ditta attrici.

Sema' x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra li Noel Camilleri nforma l-Pulizija kif gej:

“A vehicle overtook him from the inner lane, both vehicles collided”.

Il-konvenut qal lil Pulizija:

“A vehicle hit me on the side when it turned on me”.

Noel Camilleri xehed li hu kien qed isuq fid-direzzjoni tal-bypass ta’ Mellieha. Kien fuq ix-xellug u waqaf wara karozza li kienet qed tistenna sabiex jghaddu l-karozzi li kienu fuq ir-roundabout. Il-vettura ta’ quddiemu harget u ezatt kif qala’ hass daqqa fuq il-karozza. Wara l-habta Camilleri nizel u l-konvenut ma kienx jaf li laqat il-karozza tieghu. Qabel il-habta ma kienx ra l-karozza tal-konvenut.

Alison Galdes kienet front seat passenger ma’ Camilleri u qalet li Camilleri kien fuq ix-xellug. Camilleri waqaf fuq l-istop. Meta kien se jaqbad isuq semghat il-hoss ta’ habta. Alison Galdes qalet li kienu l-ewwel karozza li kienu sejrin biex jaqbdu r-roundabout u ma kienx hemm karozza quddiemhom.

Il-konvenut qal li hu kien qed isuq fil-lane tan-nofs. Il-konvenut qal li fl-ebda moment ma biddel il-lane. Galea qal:

“Naf li giet vettura minn wara, qalani u dahlet quddiemi. Hu qabizni minn naha tax-xellug tieghi. Hu qabizni u dahal quddiemi u jiena hadtu fil-bieba u hu missli l-mudguard ta’ quddiem tax-xellug”.

Il-konvenut qal li hu kien sejjer lejn ic-centru ta’ San Pawl il-Bahar u mhux lejn il-bypass. Il-konvenut qal li l-karozza tal-attur waqfet quddiemu fil-lane tan-nofs.

Pauline Borg front seat passenger mal-konvenut qal li huma kienu sejrin ghal Bugibba. Gie wiehed minn warajhom, dahal quddiemhom fuq in-naha taghha u dahal fil-mudguard taghhom. Pauline Borg qalet li ma kienx

hemm lane fuq ix-xellug taghhom ghaliex huma kienu fuq ix-xellug.

Fil-waqt li Noel Camilleri qal li kien qed jistenna wara karozza, Alison Galdes li kienet mieghu qalet li ma kienx hemm karozza quddiemhom.

Fil-waqt li l-konvenut jghid li kien fuq il-lane tan-nofs, Pauline Borg, li kienet mieghu qalet li hu kien fuq ix-xellug.

Illi huwa l-attur li jrid jipprova li l-konvenut kien responsabbli ghal incident. Illi f'din il-kawza ma hemmx bizzejjed provi konvincenti li juru li l-konvenut kien responsabbli ghal incident. Il-verzjoni Noel Camilleri hu kontradett mill-konvenut u in parti minn xhud prodott mis-socjeta' attrici.

Ghaldaqstant billi l-atturi ma gabux bizzejjed provi biex juri li l-konvenut kien unikament responsabbli ghal incident jichad l-kawza tal-atturi bl-ispejjez kontra l-atturi.

--------------------------------TMIEM--------------------------------